**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 14 ta' Jannar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Spiridione Zammit**

**Vs**

**Francis Vella**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Francis Vella ta' 38 sena bin Simon u Angela nee' Debono imwieled Pieta' fis-6 ta' Awwissu 1976 u joqghod 80, Agnes Court, Flat 3, Triq is-Sultana, Rahal Gdid u detentur tal-karta tal-Identita' numru 441176M;

Talli fit-22 ta' Mejju 2015, ghall-habta tal-10:30am u/jew hinijiet wara, gewwa l-fond Numru 80, Agnes Court, Flat 3 fi Triq is-Sultana Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer:

> minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, bi strument bil-ponta , jaqta' u jniggez u/jew b'oggetti ohra, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jean Pierre Mifsud

minn Rahal Gdid li gabet mankament jew sfregju fil-wicc, fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz, skont ma ccertifika t-tabib Dr. Jennifer Sultana Reg 3500 mic-centru tas-sahha Rahal Gdid;

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Eleonor Vella Glanville minn Rahal Gdid skont ma ccertifikat Dr. Rebecca Pisani Reg 3288 mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid;

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, garr u zamm sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr licenzja jew permess tal-Lummissarju;

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, hebb ghal Jean Pierre Mifsud u Eleonor Vella Glanvill, sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jghamillhom hsara;

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamel lil Jean Pierre Mifsud u Eleonor Vella Glanville, ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali;

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghad li jkollu il-jedd li jwiddeb lil haddiehor hareg barra mill-qies.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-

ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tittratta mal-imputat b'bod sommarju;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 216, 1a,b, 217, 221, 339 d,e,h, 383, 384, 385, 412c tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 6 tal-Kapitolu 480;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat kif ukoll wara li hadet in konsiderazzjoni illi l-vittma f'dawn il-proceduri, iddikjarat illi qed tirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum. Inoltre, il-Qorti qieghda tohrog ordni ta' Protezzjoni favur Jean Pierre Mifsud, liema ordni tibqa' fis-sehh ghall-perjodu ta' tlitt (3) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**